KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Tmien LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35** **Tlieta 13 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa' laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta' Microsoft Teams fis-6:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

**MISTIEDEN:**
Daniel Galea - Accountant

**Minuti**
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Zerafa, S. Abela u l-messaġġ tal-Kunsillier Camilleri. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 34**
**REF: 26.4.4 Kommunikazzjoni – CCTV Cameras ma l-ex Zamco**
Is-Sindku nfurmat li qed tistenna l-awtorizzazzjoni biex jkunu konnessi mal-*control room* tal-LESA.

REF: 30.4.6 Outdoor Gym Żokkrija u Parkour Blata l-Għolja

Is-Sindku nfurmat li aktar il-quddiem ħa tkun qed tgħaddi kwotazzjoni għal-pjanti. Rigward il-pjanta oriġinali tal- Outdoor Gym, is-Sindku nfurmat lil-Kunsillier Cassar ma hemmx disinn ta' pjanti. Il-Kunsillier Cassar qasam mal-membri preżenti l-pjanta oriġinali li saret fil-bidu, fejn il-pjanti kienu imqiegħda b'mod differenti u saret *walking path.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jekk tiftakar sew il-bdil żgħir li sar kien minħabba l-Enemalta, kif wkoll għax hemm *resevoir* taħt.

Is-Sindku żiedet tgħid li fejn jidħlu ġonna 15 t'Ottubru u Grognet de Vasse l-awtorità ta' l-Ippjanar bagħatu l-kuntratti għal firem u ċ-ċekkijiet, kif nirċievuhom jiġu iffirmati. Is-Sindku kompliet tgħid li dal-għodu ltqajna *on-site* fuq dawn iż-żewġ ġonna, flimkien mal-Perit u l-kuntrattur, fejn din il-ġimgħa ħa jibdew ix-xogħolijiet. Ħa nibdew bil-ġnien 15 t'Ottubru, fejn qed jiġi ikkalkulat erba' ġimgħat xogħol.

REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report

Is-Sindku nfurmat li tkellmet mal-Perit Daniel, u nforma li bħala Perit qatt ma jista' jagħti figura ta' tunnellaġġ bl-eżatt, imma jista' jagħmel rakkomandazzjoni li jgħaddu vetturi u vannijiet bit-togħbija, għalhekk ħa jieħu parir u jkellimna lura.

REF: 33.4.6 Pjazza Dun Ang Camilleri

Is-Sindku nfurmat biex din il-materja terġa titella fil-laqgħa li jmiss. Il-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li ħa tibgħat *reminder* lil-Perit, dwar jekk applikax għad-DNO.

REF: 33.4.3 Street Luminaires

Is-Sindku nfurmat li fadal fanal wieħed li ma stajniex inwaħħlu minħabba li hemm żvilupp għaddej fiż-żona, u għalhekk ħa jitwaħħal malli jitlesta l-iżvilupp. Għalhekk bħala fanali ħa jkunu twaħħlu kollha. Is-Sindku żiedet tgħid li ntbagħtet imejl lil-Kunsilliera għal-*feedback* tagħhom dwar toroq oħrajn fejn nistgħu napplikaw għal iktar *luminaires,* u nfurmat lil-membri preżenti biex jipprovdu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom sal-laqgħa li jmiss.

REF: 24.4.5 Kommunikazzjoni – Proġetti

Is-Sindku nfurmat li l-bankina ta' triq il-Midbaħ ħa jibdew ix-xogħolijiet biex tiġi rranġata nhar il-21 ta' Lulju, u dwar triq Bonnijiet qed tistenna min Infrastructure Malta sa fejn ħa jlestu, biex l-Elles jkun jaf min fejn ħa jkompli.

Fis-6:35pm daħal għal laqgħa l-Kunsillier Gatt.

REF:34.3.1 Kommunikazzjoni – Sleeping Policeman Triq Patri Guze Delia u Triq il-Fortizza

Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien qabel li ssir *sleeping police* tar-*rubber*, però hemm email fejn Tommy ma jaqbilx li ssir tar-*rubber,* peress li tarmak hija iktar effettiva. Is-Sindku nfurmat li talbet li ssir laqgħa *on-site* ma Transport Malta (Tommy), peress li qed nissuġġerixxu li jsiru żewġ *sleeping police*.

REF: 34.3.3 Kommunikazzjoni - Bdil tal-ġurnata li jinġabar il-ħġieġ

Is-Sindku nfurmat li ntbagħtet imejl lil-Kunsilliera, fejn GreenMT qablu mal-bdil tal-ġurnata tal ġbir tal-ħġieġ, però rridu nistennew li jsir il-bdil fil-leġislazzjoni.

REF: 34.3.11 Kommunikazzjoni- KLMT-02-2021 - Service tender for electrician services at the Mosta Local Council.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li nhar il-Ġimgħa 16 ta’ Lulju ħa jiġi ppublikat it-tender *by quotation* tal-*electrician.*

REF: 34.3.12 Kommunikazzjoni Triq Ferdinand Calleja
Is-Sindku nfurmat li rċevejna approvazzjoni min Transport Malta, u għalhekk kemm nimplimentaw iż-żebgħa.

REF: 34.3.2 Kommunikazzjoni -Jupiter Roundabout New Statue
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk rċevejnhiex risposta, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbagħtet imejl fl-1 ta’ Ġunju lil Infrastructure Malta għal *update* tal-pjanti, però għad ma rċevejniex risposta lura.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 35.

Fis 6:52pm saret sospensjoni ta’ l-aġenda biex jinqara *item* 35.5.2 Aġġustamenti tal-Financial Statements 2020.

**35.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**

Il-Kunsillier Cassar nforma li kellna laqgħa mal-Melita fit 23 ta’ Ġunju, fejn kellhom jirrevedi l-prezz, kif wkoll li naraw kemm ħa tkun il-multa biex nwaqqfu l-kuntratt min mal-GO plc. Il-Kunsillier Cassar qasam mal-membri preżenti il-pakkett offrut mil-Melita.
Din is-sistema tipprovdi rapporti varji bħal kemm daħlu telefonati, kemm ġew risposti, kemm ma ġewx risposti etċ etċ.

Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li tiddaħħal sistema ta’ DDI, li wieħed jkun jista’ jaqbad dirett mal-persuna, kif wkoll hemm il-benefiċju jekk wieħed jkun qed jaħdem bit-teleworking, is-sett tat-telefon jista’ jieħdu d-dar u jkun jista’ juża l-linja tax-xogħol.

Din is-sistema tiswa €1,230.64 *one time fee* li jinkludi 10 setts b’xejn, u €157.12 fix-xagħar. Jekk tintuża b’mod tajjeb din għanda ssolvi l-problema meta r-residenti jgħidu li ħadd ma jirrispondi t-telefon, għax is-sistema stess tibgħat imejl, meta tkun daħlet telefonata u ma ġietx risposta għal-raġuni jew oħra, u għalhekk l-impjegat jkun jista’ jċempel lura.

Il-Kunsillier Cassar nforma, li din is-sistema ħa tgħin ħafna però ma jfissirx li lmenti mhux ħa jkun hemm, imma żgur li ħa titjieb is-sistema tat-telefonija.

**35.3.2 Kommunikazzjoni – Proposal Summer 2021**

Is-Sindku nfurmat li l-kuntratt ġie ffirmat u l-ispejjeż huma ta’ €25 reġistrazzjoni u €125 għal eżamijiet tal-ECDL għal min mhux Mosti. Applikanti li huma residenti Mostin, il-Kunsill qed jiġbor €50 biss, u TCTC offrew ħames postijiet b’xejn għal ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sindku kompliet tispjega li għal-kull student *extra* jekk jimtlew l-erbgħin post, rridu nħallsu €70, €125 għal eżamijiet u l-applikant jħallas €50 biss.

Il-membri preżenti qablu biex nistaqsu l-accountant x'baġit hemm li nistgħu nużaw fuq edukazzjoni, qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi kemm nistgħu naċċettaw jekk jinqabeż l-erbgħin applikant.

**35.3.3 Kommunikazzjoni - Bankina fi Triq Carmelo Schembri**

Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti, fejn is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl bir-ritratti ta' din il-bankina, tistaqsi jekk xi ħadd mil-Kunsilliera għandu xi tip ta' informazzjoni, peress li din il-bankina tispiċċa, u jibda l-bini fejn qiegħed il-barra sal-bankina.

Il-membri preżenti qablu biex nistaqsu l-Perit tal-Kunsill biex jiċċekkja, jekk din il-binja ġietx mibnija skond il-permessi tal-Awtorità ta' l-Ippjanar.

**35.3.4 Quote for Illuminated Bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Sindku nfurmat li ġiet iċċirkulata mal-Kunsillera l-kwotazzjoni għal tlett tipi ta' lampi differenti li huma aktar *heavy duty*. Fil ġnien hemm 39 lampa, u l-kwotazzjonijiet jaqbżu l-14,000 Ewro fejn ma jinkludix lis-skonnessjoni tal-lampi li hemm fuq il-post bħalissa.

Il-membri preżenti qablu biex niċċekkjaw jekk dawn il-lampi li ġew kwotati humiex fuq il-BOQ tal-MicaMed, u niċċekjaw wkoll ma l-Inġiniera Galea Curmi liema huma l-aħjar bħala bħala *specifications*.

**35.3.5 Kommunikazzjoni – Quote for Bins**

Is-Sindku nfurmat li l-kwotazzjoni tal-*bins* li qegħdien fil-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta*,* biex jkollhom kontenitur akbar mingħajr *seperators* huma dawn;

- Bin ġdied komplut €498 eskluż VAT l-wieħed
- Kontenitur li jidħol fil-*bins* li diġà hemm huma €115.50 eskluż VAT l-wieħed.

Il-membri preżenti qablu li nixtru l-konterituri li jidħlu fil-*bins* li diġà hemm, li jiswew €115.50 eskluż VAT l-wieħed.

**35.3.6 Kommunikazzjoni - Kommunikazzjoni – Pagament lil Salvin Ltd**

Is-Sindku talbet l-approvazzjoni biex nħallsu €50,000 ta' xogħolijiet li diġà saru fil-Blata l-Għolja u ġnien 15 t'Ottubru. Is-Sindku nfurmat li tkellmet mal-Perit tal-Kunsill fejn ikkonferma li diġà tpoġġa ammont ta' materjal li jkopri din il-figura.

Il-membri preżenti qablu li jitħallas il-pagament ta' €50,000.

**35.3.7 Kommunikazzjoni – Quote for Works at Outdoor Gym Zokkrija**

Is-Sindku preżentat il-kwotazzjoni għal *pots* u pjanti biex jsiru fl-Outdoor Gym fiż-Zokkrija. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa biex ma nmorrux għal-*pots* tal-plastik peress li l-plastik qed jinqata. Il-Kunsillier Cassar nforma li bħala tisqija qed jara għalja, u ssuġġerixxa jekk nistgħux nistaqsu ninvolvu l-iskola jekk jistgħux jagħmlu t-tisqija huma, peress li diġà għandhom grupp ta' studenti li jieħdu ħsieb għalqa tagħhom biswit l-iskola.

Il-Viċi Sindku nforma li mhux l-ewwel darba għamel bosta xogħol ta' manutenzjoni u *landscaping* belt is-sebħ mal-Ministeru tal-Finanzi, fejn l-ewwel 6 xhur jkunu b'xejn bil-*maintenance agreement,* u sena manutenzjoni ma tiswiex ħames t'elef, u din il-kwotazzjoni fuq manutenzjoni qegħda *over budget.*

Il-membri preżenti unanimament qablu li nġiebu aktar kwotazzjonijiet, b'bażata fuq il-kwotazzjoni li għanda diġà.

**35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**35.4.1 Dekasteru ta' l-Annimali**

Il-Kunsilliera Bonnici resqet talba għal-approvazzjoni biex id-dekasteru tal-annimali jieħu fond ta' €2,000 mil-Kunsill biex jitkompla dan il-proġett, peress li mil-fondi li ħadna diġà kważi ntużaw kollha. Din l-ammont ta' €2,000 ġie konfermat mil-accountant tal-Kunsill, li jistgħu jintużaw għad dekasteru ta' l-annimali.

Il-Kunsilliera Bonnici spjegat li s-sena l-oħra l-Kunsill applika għal €10,000 liema 20% tal-Kunsill kienu parti min dan l-ammont, filwaqt din is-sena bi żball applikajna għal €8,000, allura l-20% tnaqqsu min dan l-ammont u b'hekk ġejna b'inqas mis-sena preċedenti.

Il-membri preżenti unanimament approvaw €2,000 biex jitkompla l-proġett tad-dekasteru ta' l-annimali.

**35.4.2 Fire Engines**

Il-Kunsillier Cassar talab biex tiġi *minuted* li l-*fire engines* li ħa jassistu għan-nar ta' l-ajru għal-festa ta' Santa Maria ġew approvati mil-membri tal-Kunsill.

**35.4.3 Quddiesa**

Il-Sindku nfurmat li fiċ-*chat* grupp tal-Kunsilliera bagħtet biex min jixtieq jattendi l-quddiesa fis-7:30pm il-Bidnija, jinforma lil-Giovann.

**35.4.4 Un/Loading Maypole**

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-Kunsill kien iddiskuta li jkun hemm *loading/unloading bay* waħda fejn il-Maypole fi triq Qalbiena Mostin. Il-Kunsillier Cassar nforma li ma kienux aċċettaw.

**35.4.5 Main Street**

Il-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex waslu x-xogħolijiet f'Main Street. Is-Sindku nfurmat li għada filgħodu ħa t'iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill, għax qed jkun hemm dewmien żejjed.
Il-Kunsillier Cassar qal li qed jistaqsi għax sar *spray* ma l-art fejn jidher li ser jsir *culvert* min fejn il-forn tal-ħobż sas-City, u jekk ser tingħalaq it-triq min Vjal Indipendenza sas-City ħa jkun hemm problema b'Hope Street. Tkompliet id-diskussjoni dwar it-traffiku u x-xogħolijiet, ta Hope Street u ta' triq Durumblat, fejn is-Sindku ħa titlob laqgħa ma Infrastructure Malta fuq ix-xogħolijiet li saru fi triq Durumblat.

**35.4.6 Tables & Chairs**

Is-Sindku nfurmat li hemm *issue* San Pawl tal-Qlejja fejn hemm *restaurant* li poġġa l-imwejjed u s-siġġijiet fuq il-*loading/unloading bay.* Il-Kunsillier Cassar qara l-*agreement mandate* (Appendiċi A), li ġie ffirmat bejn l-AKL u Chief Executive Officer tal-MTA, u li ntbagħat lil-Kunsilliera dwar *'Temporary and reversible' permit whereby catering establishments will be allowed to use adjacent public space as an Outdoor Catering Area*.
Dan l-*agreement* sar biex jgħinu lil lis-stabbilimenti waqt il-COVID, fejn ingħataw permess temporanju sa Settembru 2021 u/jew sakemm jitneħħew mil-MTA, fejn jistgħu jkollhom mwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbilimenti, u għalhekk il-Kunsillier Cassar staqsa li b'dan l-

arranġament tista' tingħalaq il-pjazza għal festa, fejn il-każini u barijiet jistgħu joħorġu l-imwejjed u s-siġġijiet?

Il-proċess qiegħed li l-istabbiliment jrid japplika l-MTA, fejn imbagħad l-MTA tikkomunika mal-Kunsilli.

**35.4.7 Triq San Pawl tal-Qlejja**
Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet jekk l-aħħar biċċa ta' triq San Pawl tal-Qlejja, hux ħa tibqa' kif inhi għax saret perikoluża. Il-Viċi Sindku nforma li ser tibqa' kif inhi, u l-Kunsilliera Bonnici nfurmat li tgħaddi min hemm kuljum u saret perikoluża, għax jkun hemm vann ipparkjat *wrong side,* u xi karozza wkoll, allura s-sewwieqa jridu joħroġ għal fuq il-karreġġata l-oħra.

Il-Viċi Sindku nforma li meta tkellmu ma Infrastructure Malta, talbu biex il-Kunsill jitlob għajnuna għal infurzar, u talab lil-Kunsilliera Bonnici tkellem lis-Sur Naudi tal-LESA.

**35.4.8 Dar fejn l-Oratorju**
Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm dar fejn l-oratorju, li qed jirranġaw. Dawn qed jitfgħu it-trab min ġo tubu li ħiereġ min ġo l-iskip.

**35.4.9 Triq Kungress Ewkaristiku**
Il-Kunsillier Gatt staqsa meta ħa jitnadfu l-*culverts* fi triq Kungress Ewkaristiku, peres li wara li sar ix-xogħol dawn intlew bil-ġebel. Is-Sindku nfurmat li kienet bagħtet mil-ewwel u ħa terġa tistaqsi. Saret diskussjoni fuq toroq oħra fejn hemm *culverts* li hemm bżonn jitnaddfu.

**35.4.10 Dog Bins**
Il-Kunsillier Gatt staqsa meta ser jitwaħħlu id-*dog bins.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li hemm lista, u kif jkollna ammont sostanzjali jiġu ordnati, għax ovvjament mhux ħa nordnaw waħdiet.

Il-membri preżenti unanimament qablu biex jiġu ordnati u jitwaħħlu d-*dog bins* li hemm fuq il-lista.

**35.4.11 Gate Outdoor Gym Zokkrija**
Il-Kunsillier Gatt fakkar biex titwaħħal l-biċċa l-grada z-żgħira fejn qed jaqbżu biex jidħlu. Is-Segretarju ħadet nota biex terġa tfakkar lil-*handyman.*

**35.5 Rapporti**
**35.5.1 Update - Development Funds as at 13.07.2021**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti ta' kull laqgħa

**35.5.2 Aġġustamenti tal-Financial Statements 2020**
L-accountant tal-Kunsill ta' rendikont u *update* li saru bħala aġġustamenti tal-Financial Statements 2020, li saru mil-awditur tal-Gvern l'NAO.

Paġna 4 - Statement of Comprehensive Income.
Il-Kunsill għalaq is-sena wara l-*audit* bi profitt ta' €81,000

Paġna 5 - Statement of Financial Position

Flus il-bank €1.149,813 miljun, kellu jiġbor €150,060 u inventarju hemm €3,351. €640,879 kontijiet pendenti ma kuntratturi u *accrurals*

Paġna 24 - Il-Kunsill spiċċa s-sena b'*current net asset* ta' €652,109

L-accountant spjega wkoll li la issa għalaqna s-sena 2020, tkellimna mal-konsulent biex jkun jista' jiġi mibdul is-*software,* mod-speċjalment minħabba d-*depreciation* biex jkun aktar *reliable,* peress li s-*software* ta' l-Evolution m'hemmx aktar *support* internazzjonali.

**35.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**35.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 118.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 16 ta' Ġunju sat-13 ta' Lulju 2021.

**35.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**35.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**35.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Ġunju 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**35.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-24 ta' Awwissu 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 13 ta' Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |